



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 179/24

Il-Lussemburgu, 10 ta' Ottubru 2024

Trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali: ħolqien fi ħdan il-Qorti Ġenerali ta' awla speċjalizzata sabiex tisma' talbiet għal deċiżjoni preliminari u elezzjoni ta' Avukati Ġenerali

Wara l-emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ¹, li wettqet trasferiment parzjali, b'effett mill-1 ta' Ottubru, tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali ², din tal-aħħar innominat l-Imħallfin li ser ipoġġu, bejn Ottubru 2024 u Awwissu 2025, fl-awla għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari maħluqa reċentement.

Konformement mad-deċiżjoni adottata mil-laqgħa ġenerali tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Ottubru, din l-awla għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari ser tkun ippresjeduta mill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, Savvas Papasavvas, u ser tpoġġi, bħala prinċipju, b'ħames Imħallfin, innominati skont sistema ta' rotazzjoni fost dawn l-għaxar Imħallfin:

1. Nina Póltorak;
2. Tuula Riitta Pynnä;
3. Johannes Christoph Laitenberger;
4. Gerhard Hesse;
5. Miguel Sampedro Pucurull;
6. Mirela Stancu;
7. Gabriele Steinfatt;
8. David Petrлік;
9. Ioannis Dimitrakopoulos;
10. William Valasidis.

Barra minn hekk, abbażi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ³ u tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ⁴, din tal-aħħar għażlet, permezz ta' elezzjoni, l-Imħallfin mistennija jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Dawn huma:

1. José Martín y Pérez de Nanclares;
2. Maja Brkan.

L-Imħallf lon Gâlea ġie elett bħala l-Imħallf li ser jissostitwixxi lill-imsemmija Avukati Ġenerali fil-każ ta'

impediment.

Il-mandat tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali li ser jittrattaw it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jkopri l-perijodu bejn Ottubru 2024 u Awwissu 2025, data li fiha ser iseħħ tibdil parzjali ta' kull tliet snin fi ħdan il-Qorti Ġenerali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE, Euratom\) 2024/2019](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

² Ara [l-Istqarrija għall-Istampa Nru 125/24](#).

³ Ara l-Artikolu 49a tal-[Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea](#) (verżjoni kkonsolidata).

⁴ Ara l-Artikolu 31a tar-[Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali](#) (verżjoni kkonsolidata).